***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edinburgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u wieħed laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-laqgħa tal-Kunsill li kella ssir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2011 ma saritx minħabba nuqqas ta' kworum. Is-Sinjura Carmen Borg, s-Sur Mario Caruana kitbu l-Kunsill fejn spjegaw li ma setgħux jattendu minħabba mard, Dr. Johnaton Abela u s-Sur Arthur Ellul kitbu l-Kunsill fejn spjegaw li ma setgħux jattendu minħabba safar filwaqt li s-Sur Cedric Valletta kiteb lill-Kunsill fejn spjega li ma setgħax jattendi minħabba impenji tax-xogħol.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk il-Kunsilliera ġew skużati mill-laqgħa.

## 1. **<u>Preżenti</u>**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Dr. Johnaton Abela LL.D. | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

Is-Sur Mario Caruana kiteb lill-Kunsill fejn talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba mard. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikata u għalhekk s-Sur Mario Caruana ġie skużat mill-laqgħa.

## 2. **<u>Talba</u>**

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

3.1 Il-minuti tal-mitejn u tmienja u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

3.2 Il-minuti tal-mitejn u disgħa u disgħin laqgħa (laqgħa ta' urġenza) tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Chocolate Festival*

Il-Kunsill irċieva lment mingħand is-Sur Rosario Zammit dwar il-fatt li l-*generator* tpoġġa quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu. Huwa allega li ma setgħux jiftħu l-bieb għax il-*generator* kien eżatt quddiem il-bieb. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Zammit li ttieħdet nota tal-ilment tiegħu biex fil-futur dan ma jerġax isir.

*4.2 Proġett tas-Suq*

Fis-5.45pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

- Is-Sindku spjega li x-xogħolijiet fil-parkeġġ jinsabu fl-aħħar fażi filwaqt li l-*lift* tal-Uffiċċju Amministrattiv qed jiġi nstallat.

- Il-Kunsill approva li tinħareġ tender għax-xiri ta' bankijiet u litter bins għal-fetħa ta' quddiem il-Kunsill.

- Ġie deċiż li jinbnew *planters* fil-ġnub tat-taraġ li hemm fill-fetħa għal Triq id-Duka ta' Edinburgh.

- Il-Kunsill approva li jitlob lill-Perit biex jissottometti applikazzjoni lill-MEPA biex issir *tool shed* fil-fetħa maġenb il-passaġġ.

- Is-Sindku spjega li kif ġie deċiż mill-Kunsill sar l-aħħar pagament lill-C&F Building Contractors Ltd. għall-kuntratt tal-bini tal-Parkeġġ u Uffiċċju tal-Kunsill. Dan il-pagament sar fuq il-kejl ċertifikat mill-Contracts Manager tal-Kunsill bħala *full and final settlement.* Il-Kuntarttur ħareġ cekk ta' €1,200 lill-Manuela Mamo bħala ħlas għal-ħsarat li kawżaw fil-propjeta' tagħha.

*4.3 Kappillan Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni – Parkeġġ Riservat*

Transport Malta nfurmat lill-Kunsill li ma tistax tapprova li tinbidel it-tabella biex jiżdied il-kliem '*and other Church Functions*' għaliex tmur kontra l-*policy* tagħhom. Ġie deċiż li kopja tal-korrispondenza tintbgħat lill-Kappillan.

*4.4 Attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ministru laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsillier Dr. Johnaton Abela ma jiġix dikjarat vakanti.

*4.5 Żvilupp fl-iskola Maria Assumpta*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Fondazzjoni għall-iskejjel t'Għada li huma kienu responsabbli biss għall-bini tal-Kumpless Sportiv. Huma ssuġġerixxew li tintbgħat ittra lid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ntbgħatet ittra lid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni kupjata lill-Onor. Clyde Puli f'dan ir-rigward.

*4.6 Transport Malta - Arriva*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għad hemm il-problema tas-servizz tal-linja lejn B'Kara. Huwa spjega wkoll li għad baqa' xi *studs* li ma tneħħewx u li l-*Pelican lights* kienu għadhom mhux jaħdmu.

Is-Sur Arthur Ellul spjega li s-servizz tal-Arriva għall-Mater Dei twaqqaf il-passiġġieri ħdejn l-Universita' u meta tkun ġejja lura l-karozza tal-linja ma tieqafx fi Triq il-Kappillan Mifsud.

Is-Sindku spjega li ser ikellem lis-Sur Ivan Mallia, Uffiċċjal fi Transport Malta, rigward dawn il-problemi. Ġie deċiż ukoll li jsir kuntatt mas-Sur Doublet dwar ilmenti tiegħu rigward is-servizz tal-Arriva.

*4.7 Kuntratt għas-Servizz ta' Perit u Contracts Manager*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Perit William Lewis ippreżenta Appell għal-kuntratt ta' *'Professional Services of an Architect to Council and Contracts Manager for the Upkeep and Maintenance of Roads and Pavement'*. Il-laqgħa tal-ord tal-Appell ser issir fid-9 ta' Jannar 2012. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob l-assistenza tal-Avukat tal-Kunsill.

*4.8 Lease and Operation of Car Park in Duke of Edinburgh Street, Hamrun*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta nfetħet il-kaxxi tal-offerti fil-preżenza tas-Sindku u Viċi Sindku nstabu 3 offerti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ekonomisti s-Sur Andrew Brincat u s-Sur Ernest Azzopardi aċċettaw li jagħmlu evawazzjoni tal-offerti biex wara jiġi preżentat lill-Kumitat tal-Għażla.

## 5. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispndenza li rċieva l-Kunsill bejn il-11 ta' Novembru u d-19 ta' Diċembru 2011.

*5.1 1st Ħamrun Scout Group – Monument għal-100 sena anniversarju*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-1st Hamrun Scout Group fejn talbu permess biex isir monument li jikkonsisti *f'Boy Scout* fir-*roundabout* li hemm fi Triq il-Ferrovija. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir il-monument fuq ġenb tar-*roundabout* bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi meħtieġa mill-MEPA.

*5.2 Environmental Landscapes Consortium – Donazzjoni ta' 250 planter*

Il-Kunsilli ġie nfurmat li l-ELC ser tgħati donazzjoni ta' 250 *planter* lil dawk il-Kunsilli Lokali li jaħdmu magħhom. Dan ser isir f'Marzu /April 2012,

*5.3 Transport Malta – Single Yellow Line fi Triq Adelaide Cini*

Transport Malta approvat li ssir *single yellow line* daqs il-wisa' tal-garaxx tas-Sur Mike Pace fi Triq Adelaide Cini faċċata tal-istess garaxx.

*5.4 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Għajnuna għal min hu fil-bżonn*

Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba biex jgħinu fit-tqassim ta' prodotti ta' ikel mill-Unjoni Ewropea għal min hu fil-bżonn. Il-Kunsill iddeċieda li jgħin billi jipprovdi ħaddiema biex jinħattu l-prodotti mill-van jew trakk.

5.5 *Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ftuħ tal-Uffiċċju Amministrattiv nhar ta' Sibt*

Il-Kunsilli Lokali ġew nfurmati li s-Sibt 24 u s-Sibt 31 ta' Diċembru 2011 jistgħu ma jiftħux l-Uffiċċju Amministrattiv għall-Pubbliku. Il-Kunsill iddeċieda li f'dawn il-jumejn l-uffiċċju ma jinfetaħx.

*5.6 Sur Omar Buġeja – Ħlas ta' €150 għal-akkomodazzjoni*

Is-Sur Omar Buġeja talab sabiex il-Kunsill jitlob l-awtorizazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex iħallas €150 lill-Alexandra Hotel għall-akkomodazzjoni tad-delegazzjoni mill-Comune di Scilla. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li talba f'dan ir-rigward intbgħatet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

*5.7 Sinjorina Abigail Calleja – Ittra ta' ringrazzjament*

Is-Sinjorina Calleja kitbet lill-Kunsill biex tirringrazzja lill-istess Kunsill talli għoġbu joffrilha l-opportunita' ta' xogħol.

*5.8 Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali – Attivita' Stand-up*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna biex jibgħatu rappreżentant għall-konferenza *Stand-up* li ser issir bejn is-16 u 17 ta' Jannar 2012.

*5.9 Sur John Turner – Talba għall-Barrier*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Turner fejn talab biex jitwaħħlu *Barriers* tal-ħadid quddiem il-ħanut li għandu fi Triq Villambrosa kantuniera ma' Triq Lord Byron. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din il-korrispondenza lill-Transport Malta għall-konsiderazzjoni.

5.10 *Purċissjoni tal-Bambin fil-Ħamrun*

Fis-6.55pm Dr Johnaton Abela daħal għal-laqgħa.

Kif kien ġie deċiż mill-Kunsill fil-laqgħat preċedenti din is-sena l-Kunsill ser jorganizza attivita' biex tiġi kkomemorata d-90 sena anniversarju mill-ewwel Purċissjoni bil-Bambin fil-Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li għal dan l-anniversarju iqabbad is-servizz taż-żewġ baned tal-Parroċċa San Gejtanu jiġifieri l-Għaqda Mużikali San Gejtanu u s-Soċjeta Mużikali San Ġużepp biex jakkumpanjaw il-Purċissjoni tal-Bambin. Il-Kunsill vvota s-somma ta' €1,000.00 għal dawn is-servizzi tal-Baned. Ġie deċiż ukoll li jinxtraw fanali biex jintużaw waqt il-purċissjoni. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal din l-attivita' il-Pulizija kienet ser toffri servizz mingħajr ħlas.

5.11 *Transport Malta – Estenzjoni tar-Residential Parking Scheme*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta approvat li tiġi estiża r-*Residential Parking Scheme* f'nofs il-*Parking Bays* fi Triq Monsinjur Depiro, Triq Ġuże' Pace, Triq Adelaide Cini, Triq Brighella, Triq Eldorado, Triq il-Kanonku Bonnici, Triq Censu Bugeja, Triq Fra Gaetano Pace Forno u Triq Barth bil-kundizzjoni li jkun hemm qbil mar-residenti u l-entitajiet konċernati. Ġie deċiż li ssir laqgħa mar-residenti u l-entitajiet konċernati fid-9 ta' Jannar 2012 fil-5.30pm.

5.12 *Dipartiment tat-Taxxi Interni – Ħlas tal-FSS u Sigurta' Soċjali*

Il-Kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment tat-Taxxi fejn kitbu li hemm xi ħlasijiet tal-FSS u Sigurta' Soċjali mħallsa nieqsa matul is-snin. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill kien kiteb lid-Dipartiment rigward xi pagamenti iżda ma rċieva l-ebda risposta. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-*Accountant* tal-Kunsill biex jirrevedi l-kontijiet relatati qabel isir xi ħlas.

5.13 *Skola Primarja San Ġorġ Preca – Alarm fil-Librerija*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Kap ta' l-Iskola Primarja San Ġorġ Preca li l-istess skola nstallat sistema ta' *Alarm*. Minħabba li l-Librerija tal-Kunsill tinsab fil-*premises* tal-iskola iżda għandha bieb separat staqsew jekk il-Kunsill jixtieqx jinstalla sistema ta' *Alarm* fil-Librerija wkoll. Il-ħlas mitlub mill-Kumpanija P.A.L huwa ta' €326.58. Il-Kunsill approva unanimament li tiġi nstallata sistema ta' alarm għall-prezz ta' €326.58.

5.14 *Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali – Group Health Policy*

L- Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsilli Lokali li reġa wasal il-perjodu għat-tiġdid tal-*Group Health Policy*. Dan jiswa €56.00 għall-kull persuna. Il-Kunsill approva li jġedded il-Polza.

*5.15 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Librerija Lokali*

Id-Dipartiment informa lill-Kunsilli Lokali li ser tingħata għajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom devoluta lilhom librerija lokali. Il-Kunsilli ser jingħataw €466.00 għal-kull Librerija. Nofs il-flus jintużaw biex jinxtraw kotba pubblikati Malta u n-nofs l-ieħor għall-affarijiet li jkun hemm bżonn fil-librerija. Il-Kunsilli Lokali imbagħad iridu jinfqu l-ekwivalenti f'kotba jew xogħolijiet oħra fil-librerija. Il-Kunsill approva li jipparteċipa fl-iskema.

*5.16 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Restawr ta' postijiet storiċi żgħar*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsilli Lokali li ser tiġi mniedija skema ta' Finanzjament għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Il-Kunsill iddeċieda li japplika għal-fondi biex jiġu restawrati: niċċa fi Sqaq id-Duluri, niċċa kantuniera ma' Sqaq id-Duluri, niċċa fi Triq il-Fatati, niċċa fi Triq Maitland kantuniera ma' Triq il-Ferrovija u *Murials* fi Triq id-Duluri.

*5.17 Sur Martin Aquilina – Sinjali Sofor quddiem garaxxijiet*

Is-Sur Aquilina talab lill-Kunsill biex isiru *double yellow lines* quddiem garaxxijiet li hemm fi Triq San Vincenz għaliex qed jipparkjaw vetturi quddiemhom. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din l-ittra lill-Transport Malta għall-konsiderazzjoni.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jevalwa l-possibilita' li Triq Lord Byron issir *One Way*.
- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jirċievi ħafna lmenti rigward il-kwistjoni ta' traffiku mill-vannijiet li jiġbru l-istudenti mill-Iskola Immaculate Conception. Huwa talab lill-Uffiċċjal Awtorizzat biex jibda' jibgħat il-Gwardjani Lokali sabiex jikkontrollaw it-traffiku.
- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva lmenti dwar sewqan eċessiv fi Triq il-Kappillan Mifsud. Huwa ssuġġerixxa li ssir talba lill-Transport Malta għall-*Sleeping Policeman* fi Triq il-Kappillan Mifsud.

Fit-8.00pm s-Sinjura Carmen Borg ġiet skużata mill-laqgħa.

- Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir talba lill-Transport Malta biex titwaħħal *Traffic Mirror* fi Triq Brighella faċċata ta' Triq Barth. Ġie deċiż li tintbgħat din it-talba.
- Is-Sindku irċieva talba mingħand il-Chemimart biex jinħareġ temporanjament *Special Parking Permit* lill-impjegat ta' l-Ispiżerija peress li għadu kif għamel operazzjoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Fit-8.10pm s-Sinjura Judih Bugeja ġiet skużata mill-laqgħa.

*6.2 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-Għaqda Talent Dingli offrew li jipprovdu servizzi mingħajr ħlas lill-Kunsill waqt attivitajiet.

- Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li jsir *survey* tal-ħwienet fil-Ħamrun biex jiġi stabbilit l-andament tal-bejgħ fil-Milied.

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva lment rigward xi rampi li hemm fil-bankina fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

- Is-Sur C. Valletta talab li tintbgħat ittra lill-Enemalta biex terġa' titwaħħal il-*Belisha Light* li hemm nieqsa mal-*Pedestrian Crossing* fi Triq il-Kappillan Mifsud.

- Is-Sur C. Valletta talab sabiex jitnaddfu il-parti ta' Triq Joe Abela Scolaro ħdejn l-entratura għall-iskola tal-Guardian Angel. Il-Kunsill approva li jsir it-tindif meħtieġ.

*6.3 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li saret l-ewwel laqgħa tas-Sotto Kumitat li ser jieħu ħsieb biex jikkordina l-wirjiet li jsiru fil-Ġimgħa l-Kbira ġewwa l-Ħamrun. Is-Sur A. Ellul qara l-minuti ta' l-istess laqgħa.

Fit-8.20pm Dr. Paula Mifsud Bonnici ġiet skużata mill-laqgħa.

## 7. <u>Għażla ta' offerta – Cleaning & Maintenance of Public Conveniences</u>

Il-Kunsill ġie preżentat b'kopja tar-rapport tal-Kumitat tal-Għażla maħtur mill-Kunsill biex jevalwa l-offerti li daħlu għal-kuntratt – *Cleaning and Maintenance of Public Conveniences* (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-imsemmi rapport.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Għażla biex il-kuntratt jingħata lill-Saviour Mifsud.

## 8. <u>Għażla ta' offerta – *Supply, delivery and installation of a grid-converted photovoltaic system and solar water heater*</u>

Il-Kunsill ġie preżentat b'kopja tar-rapport tal-Inġinier Jason Vella li nħatar mill-Kunsill biex jevalwa l-offerti li daħħlu għal dan il-kuntratt. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-imsemmi rapport.

Il-Kunsill approva unanimament r-rakkomandazzjoni tal-Inġinier Vella biex il-*Photovoltaic System* tinxtara mingħand il-kumpanija Bajada New Energy Ltd filwaqt li s-Solar Water Heater tinxtara mingħand il-kumpanija Econetique.

## 9. Attivitajiet Milied 2011

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tiżjijn tad-dawl tal-Milied sar.

Ġie deċiż li l-ikla tal-Milied għall-kunsilliera u staff kif provdut minn Memo 122/2010 u Memo 8/2011 issir f'Jannar 2012. il-Kunsilliera għandhom jiġu nfurmati bid-data u l-post għall-istess ikla.

## 10. Budget Annwali – Sena Finanzjarja Jannar sa Diċembru 2012

Il-Kunsill iddeċieda li jistenna li jkun jaf l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena d-dieħla qabel ifassal il-*Budget* għas-sena 2012.

## 11. Performance Bonus

*11.1 Maronia Bonello*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivana Maronia Bonello flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*11.2 Tiziana Bajada*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivana Tiziana Bajada flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*11.3 Fiorella Scicluna*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivana Fiorella Scicluna flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*11.4 Lydon Vella*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivan Lydon Vella flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*11.5 Philip Massa*

Is-Sindku qara l-*Performance Bonus* Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 10%.

## 12. Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

*12.1 Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv*

Il-Kunsill jirrikonoxxi li minħabba l-eżiġenzi tax-xogħol, is-Segretarju Eżekuttiv ma setax jutilizza l-*Vacation Leave* kollu li kellu ghas-sena 2011.

Għaldaqstant il-Kunsill approva unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv iżomm 65.25 siegħa ta' *Vacation Leave* li ma ttiħdux matul is-sena 2011 għas-sena 2012.

## 13. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sad-19 ta' Diċembru 2011 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 14. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA